# FATHER PLATER U L-BIDU TAL-PARTIT LABURISTA

# 100 SENA MINN MEWTU



ROBERT ALOISIO
robertaloisio@gmail.com



Charles Plater

F'Malta, fil-bidu tas-seklu għoxrin, it-tagħlim soċjali tal-Knisja, ħa spinta 'l quddiem l-aktar bil-ħidma tal-Ġiżwita Ingliż, Fr Charles Plater (1875-1921) fundatur tal-Catholic Social Guild fl-Ingilterra. Fl-1920, saħħet dan is-saċerdot kienet marret għall-agħar u t-tobba Ingliżi kienu qalulu li aħjar imur jgħix f'pajjiż bi klima sħuna. Hekk Plater ġie Malta mat-tabib tiegħu. Iżda f'Malta mhux talli ma strahx talli dar Malta jgħallem lill-ħaddiema bil-ħsieb li jibda ukoll il-Maltese Social Guild. Plater ħalla impatt kbir fost il-ħaddiema Maltin għax, fl-erba' ġimgħat li kien baqagħlu ħajja, żar bosta każini u għamel numru ta' laqgħat u konferenzi li fihom kien iwassal it-tagħlim tar-"Rerum Novarum" lill-Maltin.

### Ġiżwita Ġeneruż

Bin Edward u Margaret imwielda Harting, Charles Dominic Plater twieled Londra fit-2 ta' Settembru 1875. Kien l-iżgħar minn erba' aħwa. L-ewwel edukazzjoni ħadha d-dar mingħand ommu, imbagħad ta' tnax-il sena daħal fi Stonyhurst College tal-Ġiżwiti f'Ribble Valley. Iddistingwa ruħu fl-istudji u fil-leadership.

Il-kap tal-kulleġġ, Fr. John Gerard kellu influwenza kbira fuq Plater u għenu jkabbar il-ħila tiegħu kif jargumenta u kif jikteb. Plater sar jammira lil Gerard u dan ħajru jaqbad it-triq tal-vokazzjoni mal-Ġiżwiti. Ta' dsatax-il sena beda n-novizzjat magħhom li ssuktah f'Oxford. L-Eżerċizzji Spiritwali ta' *San Injazju ta' Loyola* fis-sentejn ta' wara ġiegħlu lil Plater jirrealizza li għandu jara kif jgħin lill-umanità b'kull mod possibbli.

### Kuxjenza soċjali

Filwaqt li kien għadu għaddej bl-istudji tal-filosofija, Plater beda jinteressa aktar ruħu fil-ħidma soċjali, u fil-vaganzi tal-Għid tal-1903 iltaqa' ma' xi qassisin li kienu qegħdin jaħdmu fi Franza. Ftit xhur wara, fil-Belġju, ġie wiċċ imb'wiċċ ma' dak li rah bħala rimedju għall-ħażen soċjali li kien hemm, l-irtir għall-ħaddiema. Dan lil Plater laqtu ħafna u minnufih beda jqajjem kuxjenza fuq din il-ħtieġa. Beda jikteb artikli fil-ġurnali u jħeġġeġ lil ħaddieħor jagħmel l-istess. Kien jemmen li l-edukazzjoni għandha sehem kbir biex tikber il-ġustizzja soċjali. Kiteb paper bl-isem "Retreats for working men" li nqrat fil-Catholic Truth Conference fi Brighton f'Settembru 1906, l-ewwel fażi għall-kampanja bi jitwaqqfu djar tal-irtiri fl-Iskozja u l-Ingilterra. Il-kuxjenza soċjali bdiet tikber, iżda Plater kellu jieqaf biex jibda l-kors tat-teoloġija f'Settembru 1907.

### Catholic Social Guild

Fl-1908, l-ewwel Retreat House fetħet f'Campstall Hall qrib Romily. Mill-korrispondenza ma' sħabu, Plater ħareġ bl-idea ġdida ta' "Catholic Sociological Society" li fl-1909 saret "Catholic Social Guild". Il-ġerarkiji b'mod ġenerali kienu favur din is-soċjetà, u din malajr kibret fin-numru u fl-influwenza li bdiet tħalli. Fuq il-parir ta' Plater twaqqfu ukoll il-Catholic Women's league u l-Catholic Medical guild.

Plater kien ordnat saċerdot f'Settembru 1910, imma ma setax jiddedika ħinu kollu għas-Soċjetà ġdida tiegħu minħabba l-istudji tiegħu. Minn Settembru 1912 sa Lulju 1914 Plater laħaq Professur tal-Psikoloġija f'St. Mary's Hall, Stonyhurst u hemm kompla għamel popolari l-Catholic Social Guild bil-lectures u l-irtiri li kien jagħmel, u bl-istudy-clubs li waqqaf. Bl-irtiri għall-ħaddiema, Plater kien joffrilhom mistrieħ u spiritwalità, 'il bogħod mix-xogħol u l-faqar. Ma kien jiddejjaq xejn jaħdem mal-Anglikani, fosthom mal-qassisin Charles Gore u William Temple.

### Fil-Gwerra l-Kbira

Matul l-Ewwel Gwerra Dinjija huwa għen ħafna r-refuġjati u s-suldati midruba, ħidma li għarrqitlu saħħtu. Huwa ma riedx isir kappillan tal-armata għax ma riedx jilbes uniformi ta' suldat. Fl-1916, *Plater sar Master of the* Jesuit Hall f'Oxford. Huwa kompla jikteb fuq il-messaġġ soċjali tal-Evanġelju. Kien

jemmen li jekk il-prinċipji u l-valuri Insara ma jidħlux *fl-industrija, ir-relazzjonijiet* bejn il-ħaddiema u s-sidien qatt ma jistgħu jkunu tajba. Lis-sidien kien jgħidilhom biex jagħmlu minn kollox ħa ma jħallux il-proċess tal-produzzjoni jiddiżumanizza lill-ħaddiema. Il-karità u l-ġustizzja kienu meħtieġa.

Plater f'Malta

Fl-1920 it-tobba tawh parir jistrieħ. Huwa qatta' xahar l-Irlanda. Saħħtu marret għall-agħar u qalulu li aħjar imur jgħix f'pajjiż bi klima sħuna. U għalhekk ġie Malta mat-tabib tiegħu. Iżda f'Malta mhux talli ma strahx talli dar ma' Malta kollha jgħallem lill-ħaddiema u kellu f'moħħu li jibda ukoll il-Maltese Social Guild. Huwa ħalla impatt kbir fost il-ħaddiema Maltin għax żar ħafna każini u għamel numru ta' laqgħat li fihom kien iwassal it-tagħlim tar-Rerum Novarum lill-Maltin. Kien ħa interess ukoll fis-Soċjetà tal-MUSEUM li ħafna mill-membri tagħha kienu ħaddiema tat-Tarzna u ltaqa' personalment ma' Dun Ġorġ Preca. Plater xtaq ħafna jara s-Soċjetà tal-MUSEUM tikber. Plater "lil Dun Ġorġ kien issuġġerielu li, jekk xi regolamenti jkunu aktar ħfief, kien ikollu numru wisq akbar ta' membri; imma Dun Ġorġ kien wieġbu li hu jippreferixxi l-kwalità milli l-kwantità" (Alexander Bonnici, Dun Ġorġ Preca Vol. II).

## Plater u t-twaqqif tal-Partit Laburista

Iżda fuq kollox, Plater kien ta' ispirazzjoni għat-twaqqif tal-Camera del Lavoro, li iktar tard saret il-Partit Laburista. Numru ta' qassisin ingħaqdu ma' dan il-partit fil-bidu tiegħu, fosthom il-Kanonku Bugelli, Dun Mikiel Gonzi, iktar tard Arċisqof ta' Malta u Dun Eġidju Balzan. Kien hemm ukoll lajċi Insara konvinti bħas-Sur Fons Marija Galea. Ma kinitx kumbinazzjoni li l-Partit Laburista għamel l-ewwel Laqgħa Ġenerali tiegħu fil-15 ta' Marzu 1921, fit-30 anniversarju tal-Enċiklika Rerum Novarum.

Fid-19 ta' Ottubru tal-istess sena, il-Partit Laburista immexxi mill-Kurunell William Savona ikkontesta l-ewwel elezzjoni ġenerali li qatt saret f'Malta. Fiha, dan il-partit żgħir li kien għadu kif twaqqaf biss seba' xhur qabel, kiseb kważi kwart tal-voti, 23%, u tella' seba' deputati fil-Kamra Leġislattiva u żewġ Senaturi, Alfons Maria Galea u Mikiel Gonzi. Is-Sur Fons dam iservi ta' Senatur f'isem il-Partit Laburista għal sitt snin li matulhom ħadem b'riżq il-ħaddiem u l-batut billi semma' leħnu fuq l-istituti tal-karità, l-iskejjel tassnajja', kundizzjonijiet xierqa fuq il-post tax-xogħol u t-tagħlim fl-iskejjel.

## "Jalla Malta timmira għal xi ħaġa aħjar"

Herbert Ganado jsemmi hekk lil Father Plater: "Inzerta f'dik il-ħabta kien hawn f'Malta, għal saħħtu, il-Ġiżwita Ingliż Father Plater, soċjologu Kattoliku msemmi. Father Plater beda jinteressa ruħu mill-moviment ġdid tal-ħaddiema Maltin. Fis-16 ta' Jannar 1921 għamel konferenza fin-National Theatre fl-Isla u, bl-entużjażmu li qanqal, spiċċa fuq l-idejn. Kienet is-Società Operaia Cattolica tal-Isla li organizzat il-Konferenza."

Fil-konferenza li kien jisimha 'Malta's Opportunity', Plater qalilhom hekk lill-ħaddiema: "Jalla Malta tiċħad li ssegwi l-eżempju ħażin tan-'nazzjonijiet ilkbar'.

Jalla timmira għal xi ħaġa aħjar milli ssir kopja tas-sekonda klassi ta' ordni soċjali tat-tielet kategorija. Jalla tispira ruħha mhux mill-Kapitaliżmu minfuħ u l-inġustizzji ta' pajjiżi oħra, imma mill-ideal ta' soċjetà umana mfassla għalina mill-Papa Ljun XIII. Jalla Malta teħodha b'mod riżolut kontra l-egoiżmu politiku u l-egoiżmu kummerċjali u l-kompetizzjoni feroċi u l-isfruttament li mhuwiex Nisrani; kontra s-suppervja u l-għira u s-suspett reċiproku; kontra l-vjolenza u l-gwerra tal-klassi.

Għaliex għandhom ikunu dawn l-affarijiet? Dawn iħassru kollox. Huma l-għedewwa tal-posterità, talpaċi u tal-libertà. Aħna lkoll aħwa ta' xulxin, għax aħna lkoll ulied Alla."

"Malta hija żgħira; iżda anke Ateni kienet żgħira; u safrattant dawlet lid-dinja, għal elfejn sena, bl-għerf u l-arti tagħha. Malta hija fqira imma d-dinja ma teħtiegx ġid materjali daqskemm teħtieġ forza morali. Malta tista' tgħallem ħafna lil pajjiżi oħra jekk, permezz tal-fidi komuni tagħha, tifjorixxi fi fjura sabiħa tad-demokrazija Nisranija. Il-fidi komuni tagħkom tista' tgħallem linnies kif jagħmlu l-aħjar użu mil-libertajiet demokratiċi tagħhom." (The Daily Malta Chronicle, 21 ta' Jannar 1921)



## "Il-Ħabib tal-Ħaddiema"

Ġużè Bonnici (1907-1940), tabib, awtur u attivista tal-Partit Laburista, isemmi b'tifħir lil Father Plater fil-ktieb "Storja tal-Partit tal-Ħaddiema":

"F'din il-ħabta, sab ruħu hawn Malta l-mibki u qatt minsi ħabib tal-ħaddiema, it-twajjeb Father Plater. Dan il-qassis mudell, il-qassis li kien imissu jservi ta' mera lil kull qassis Malti, għen kemm felaħ lill-Partit tagħna, lill-Partit li ried jara l-ħaqq magħmul bejn kulħadd, li ried jgħolli l-ħaddiema u jgħinhom jgħixu ta' bnedmin."

"L-għaxqa tiegħu kienet li jżur il-każini tal-ħaddiema li bdew jinbtu ma' Malta kollha, il-ferħ tiegħu kien li jagħmel xi konferenza u jdawwal, bħal Kristu, l-imħuħ tan-nies sempliċi li kienu jinġabru madwaru mixtieqa mill-kelma safja tiegħu u mitlufa wara tjubitu. Father Plater kien tant jaf iqawwi l-qlub ta' dawk il-ħbieb tal-ħaddiem fit-triq kollha għolliq li kienu qabdu, kienu jkunu se jaqtgħu qalbhom! Kien tant jaf iħeġġeġ u jimla ħrara qlub dawk il-ħaddiema li jersqu lejh biex jinġabru u jingħaqdu bejniethom!"

"Il-ħasra hi li l-kotra Maltija tilfet lil Father Plater hekk f'qasir il-għomor, tilfet lill-aqwa ħabib li kellha hekk kmieni! Father Plater miet fit-22 ta' Jannar 1921, sewwa sew tmint ijiem qabel ma kellu jżomm il-Konferenza: Il-Papa Ljun XIII u x-Xogħol, lill-Workers Union Branch No. 1, konferenza li, wara mewtu, inqrat lil dawn il-ħaddiema mill-Isqof Mons. Caruana. F'isem il-ħaddiema, nixtiequ nagħtuh tislima minn qalbna u nižżuh ħajr għal kemm kien ħadem u qabeż għall-kotra Maltija. Vale!"

## Mewt

Erba' ġimgħat wara li kien ġie Malta, fil-21 ta' Jannar 1921, tatu f'daqqa emoraġija f'moħħu, wara taħdita lill-*Old Girls* tas-Sacred Heart f'San Ġiljan u miet ta' 45 sena biss. Huwa kellu funeral kbir mill-Knisja tal-Ġiżwiti sa Putirjal f'tebut mikxuf. Fiżżmien qasir li qatta' f'Malta, il-Maltin kienu ngibdu lejh u saru jħobbuh għad-dedikazzjoni kbira tiegħu. Huwa jinsab midfun fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata. F'Raħal Ġdid hemm triq imsemmija għalih.

Meta miet il-ġurnali Ingliżi ddeskrivewh bħala "a man of very great gifts; a powerful organiser, a dominating speaker, a reliable moderator, a splendid priest." Qalu ukoll li "in the field of social action his death is an irreparable loss. The Catholic Church in England has every reason to mourn over the grave of this remarkable priest, a pioneer in many movements and the writer of many books."

Father Plater kien ununrat disa' xhur wara mewtu bit-twaqqif tal-Catholic Workers' College, li iktar tard issemma Plater College, Oxford. Il-kulleġġ kien joffri opportunitajiet edukattivi – b'emfasi fuq it-tagħlim soċjali tal-Knisja – lil dawk li kienu fid-dinja tax-xogħol jew li kellhom jinterrompu l-istudji tagħhom.

Plater College għen ġenerazzjonijiet ta' lajċi adulti Insara biex isiru mexxejja attivi fil-komunitajiet tagħhom. Fost il-Maltin li ġabu diplomi minn dan il-kulleġġ insibu lill-Professur tal-Istorja Godfrey Pirotta, l-ex Ministru l-Professur Edward Scicluna, l-ex Ministru Lino Spiteri u t-trejdunjonista Salvinu Spiteri.

B'xorti ħażina l-kulleġġ kellu jagħlaq fl-2005, iżda kumitat ta' edukaturi ried li l-viżjoni ta' Fr. Plater ma tmutx billi tinħoloq iċ-Charles Plater Trust, li tibqa' ssostni ż-żewġ għanijiet ta' edukazzjoni u ġustizzja soċjali billi tagħti boroż ta' studju ta' kull sena lil organizzjonijiet fl-Ingilterra u Wales li jkun jixraqilhom.

## Biblijografija

"Charles Dominic Plater S.J." ta' Rev. J. Keating fi Great Catholics . Editjat minn Fr. Claude Williamson, O.S.C. (1938)

A Silken Thread – The History of Plater College 1921 -- 1996, ta' D. Chiles (1996)

Storja tal-Partit tal-Ħaddiema ta' Ġużè Bonnici (1931)